*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,519, 10 ta' Ottubru, 2025*
*Taqsima B*

**A.L. 229 tal-2025**

**ATT DWAR PORTIJIET U BASTIMENTI
(KAP. 352)**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA
(KAP. 499)**

**Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk
(Tariffa ta' Rati)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 499.49.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru, 2025.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) ir-rati stipulati minnufih qabel in-noti tagħha għandhom jiġu sostwiti bir-rati ġodda li ġejjin:

"Rata għal kull bastiment tal-irmonk għal kull siegħa jew parti minnha

| Kolonna 1 | Kolonna 2 | Kolonna 3 |
|---|---|---|
| | Rati normali (*vide* nota 2) | Rati applikabbli bejn is-6 p.m. ta' jum u s-6 a.m. tal-jum ta' wara u fi kwalunkwe ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd u fil-festi pubbliċi (*vide* nota 3) |
| | € | € |

| | | |
|---|---|---|
| Għal bastimenti sa 3,000 tunnellata gross (gt) | 340 | 470 |
| Għal bastimenti ta' tunnellata gross (gt) bejn: | | |
| 3,001 u 6,000 | 425 | 615 |
| 6,001 u 10,000 | 540 | 775 |
| 10,001 u 13,000 | 645 | 935 |
| 13,001 u 16,000 | 755 | 1,095 |
| 16,001 u 20,000 | 920 | 1,330 |
| 20,001 u 24,000 | 1,060 | 1,545 |
| 24,001 u 35,000 | 1,205 | 1,755 |
| 35,001 u 45,000 | 1,310 | 1,925 |
| 45,001 u 60,000 | 1,440 | 2,120 |
| 60,001 u 80,000 | 1,595 | 2,365 |
| 80,001 u 100,000 | 1,755 | 2,605 |
| 100,001 u 150,000 | 1,890 | 2,785 |
| 150,001 u 200,000 | 2,070 | 3,055 |
| Għal bastimenti ta' iktar minn 200,000 tunnellata gross (gt) | 2,250 | 3,330". |

(b) il-proviso għan-nota (2) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta jkunu meħtieġa bastimenti tal-irmonk aktar minn dawk il-bastimenti tal-irmonk ekwipaġġati kontinwament ġewwa l-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta, Malta jew il-Port ta' Marsaxlokk, Malta rispettivament, id-drittijiet li għandhom jiġu mħallsa għal dawk il-bastimenti tal-irmonk addizzjonali li jkunu hekk meħtieġa għandhom jiġu kalkolati bir-rati fil-Kolonna 3 jew id-drittijiet kalkolati bir-rati fil-Kolonna 2 miżjuda b'€415 għal kull bastiment tal-irmonk, skont liema rata tkun l-ogħla.";

(ċ) in-nota (3) tagħha għandha tiġi sostitwita bin-nota ġdida li ġejja:

"(3) Għal servizzi mogħtija bejn is-6 p.m. ta' jum u s-6 a.m. tal-jum ta' wara jew fi kwalunkwe ħin is-Sibt, il-Ħadd jew f'festa pubblika oħra, għandhom japplikaw jew id-drittijiet ikkalkulati bir-rati fil-Kolonna 3 jew id-drittijiet ikkalkulati bir-rati fil-Kolonna 2 miżjuda b'€815 għal kull bastiment tal-irmonk, skont liema rata tkun l-

ogħla.";

(d) l-ewwel paragrafu u l-ewwel proviso għan-nota (6) tagħha għandhom jiġu sostiwiti bil-paragrafu u l-proviso ġdid li ġej:

"(6) Ir-rati pagabbli għall-għajnuna lil bastimenti li ma jbaħħrux waħedhom għandhom jiżdiedu b'50%, soġġetti għal minimu ta' €1,615 għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti sa 3,000 tunnellata gross (gt) u soġġetti għal minimu ta' €2,715 għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti li jeċċedu t-3,000 tunnellata gross (gt):

Iżda dan id-dritt addizzjonali ma għandux japplika għal ċattri mingħajr mezz indipendenti ta' moviment u għal bastimenti oħra, it-tnejn li huma taħt il-45 metru tul.";

(e) in-nota (7) tagħha għandha tiġi sostitwita bin-nota ġdida li ġejja:

"(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4, meta jiġi ordnat bastiment tal-irmonk addizzjonali għas-servizz b'żieda mal-bastimenti tal-irmonk li huma kontinwament ekwipaġġati ġewwa l-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta, Malta jew il-Port ta' Marsaxlokk, Malta rispettivament, fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma jingħata avviż minn qabel ta' mill-inqas 4 sigħat, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' €540 għal kull bastiment tal-irmonk.".